MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 628/2002

**Carmen Taliana**

**Vs**

**Rita Borg f'isimha proprju u ezercjenti l-kummerc taht l-isem International Sales Direct.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi l-attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) rapprezentanti l-hlas tal-*commission* dovuti lilha ghax-xoghol li ghamlet mad-ditta International Sales Direct bejn l-1999 u l-2002.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-tlettax ta' Marzu 2002 u l-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata nhar hamsa ta' Marzu 2003 fejn eccepiet s-segwenti:-

1. L-ewwel lok peress illi l-*commission* mitluba mhix dovuta u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kaz.
2. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizju ghas-suespost, peress li l-attrici accettat li fil-kaz li tibda tahdem jew b'xi mod iehor tinvolvi ruhha f'relazzjoni ta' xoghol ma kompetitur tal-International Sales Direct fi zmien sitt (6) xhur minn meta tittermina r-relazzjoni taghha ma' l-istess, kif fil-fatt ghamlet, hija tilfet il-commission kollu li seta jkun dovut lilha, u dan skond skrittura privata datata tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1999 (Kopja annessa bhala Dokument LSD.1)
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sebgha ta' Mejju 2003 l-attrici, **Carmen Taliana** pprezentat l-affidavit taghha (fol.16). Spjegat kif snin ilu kienet bidet tahdem ma' International Sales Direct bhala *sales executive* u kient gie hekk imjegata minn Rita Borg il-konvenuta. Fisret li xogholha kien li ddur bieb bieb bix-xoghol li kienet tghatiha Rita Borg u sabiex ukoll tiehu hsieb fi fieri biex jinbieghu l-prodotti taghhom. Hija kienet tithallas *commission* fuq il-biegh li taghmel u dan bir-rata ta 20% tal-prezz tal-prodott finali. Madankollu kien hemm prodott wiehed fejn il-*commission* kien inqas kien ta' 15%.

Appena dahlet tahdem mal-konvenuta, din spjegatilha li qabel ma kellha tbiegh xi prodott partikolari kellha l-ewwel nett hi stess tixtri dak il-prodott u ssegwi kors dwaru sabiex b'hekk tkun f'posizjoni ahjar biex tispjega l-uzu tieghu lill-klijent. Fil-fatt kkonfermat li kient sahansitra xtrat il-magna ta' EasyBread u dan hallsitu mill-*commission* li kienet taqla'.

Hija ghamlet zmien twil tahdem ghall-konvenuta u fil-fatt lahqet xtrat hafna mill-prodotti li kellha tbiegh u dan bil-ghan li setghet tbiegh minn kollox. Spjegat li jekk il-biegh kien wiehed *cash sale* hija kienet tithallas il-*commission* dak in-nhar f'daqqa jekk ikun biegh bin-nofs allura tithallas fl-ahhar ma l-ahhar pagament.

Ikkonfermat ili hija spiccat tahdem mal-konvenuta f'mofs is-sena 2002, 2004 (fol.110) u kienet telqet ghaliex kellha xi tizgwid dwar kwistjoni ta' hsarat li kienu saru ghan klijenta partikolari.  Qalet pero li meta telqet kient halliet hafna konitjiet pendenti liema xoghol kien jirrigwarda biegh li sar sa mis-sena 1999.  Qalet li qabel ma telqet mix-xoghol kienet tkellmet mal-konvenuta u din weghditha li kienet ser thallasha tal-*comission* li kien dovut lilha u fil-fatt kienet anke semmietliha biegh partikolari *invoice* numru 004089 li kien ta' LM975 u hi assiguratha li l-*commission* kienet ser tohodha ukoll.  Dan nonnostante pero hija ma hadet l-ebda *commission* ghalkemm taf li l-hlasijiet fuq il-biegh li ghamlet ingabru kollha.  Hija esebiet ricevuti ta' prodotti li bieghet bn-nifs u li taghhom kienet ghadha ma thalsitx li gew markati bhala dokumenti CT 1 sa CT 87.

In kontro esami nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, l-attrici kkonfermat li hija kienet tkun kwazi dejjem ghall-laqghat li kien ikollha mad-diretturi u mal-istaff. Meta giet murija d-dokument a fol. 9 (dokument ISD 1 li huwa bhad-dokument RB 2 a fol. 123 tal-atti) hija gharfet il-firma taghha pro sqarret li qatt ma iffirmatha.  Ikkonfermat li hija waqfet mix-xoghol ftit wara l-Milied ta-sena 2001.  Qalet li bidet xoghol ma Peter Caruana seba' xhur wara.  Stqarret li pero f'xi zmien qabel kient ghamlet avviz fuq il-mezzi tax-xandir anzi fuq ir-radju li min ried jikkomunika magha ghan-nom ta' Easy Life seta' jaghmel hekk ghaliex ma kienitx ghadha qed tahdem mal-konvenuta mad-ditta International Sales Direct.  Ikkonfermat li dan l-avviz sar qabel ma bidet l-impieg gdid taghha.

Illi **Emanuel Taliana**, prodott mill-konvenut xehed permezz t' affidavit nhar id-disgha ta' Jannar 2004 (fol.110) u kkonferma li huwa jigi r-ragel ta' l-attrici.  Qal li kien hemm zmien meta huwa flimkien ma martu kienu jahdemu ghall-konvenuta, martu kienet rapprezentanta u cioe li tmur tbiegh il-prodotti tal-konvenuta fid-djar tan-nies waqt li huwa kien jahdem bhala *delivery man* maghha. Spjega u qal illi l-konvenuta kienet taghmel programm fuq t-televizjoni u meta jcemplu n-nies biex jakkwistaw il-prodotti li jkunu raw fuq it-televizjoni, dawn il-klijenti kienu

jitqasmu bejn ir-rapprezentanti li kienu jahdmeu mal-konvenuta. Il-mara tieghu kienet wahda minnhom. Ikkonferma dak li qalet martu li sabiex rapprezentant ikun jista ibiegh il-prodotti tal-konvenuta kellu l-ewwel jixtri l-prodott hu u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-dimostrazzjonijiet tal-prodott lill-klijent.

Spjega li martu kienet ilha tahdem mal-konvenuta ghall-perjodu ta' hames snin. Hija ma kellhiex paga fuq bazi ta' hlas izda kienet taqla' biss *commission* u dan wara li l-konvenuta tithallas ghas-saldu tal-biegh li tkun ghamlet l-attrici. Qal li kull rapprezentant kellu xoghlu u hadd ma kien jidhol fuq xoghol ta' haddiehor kulhadd kien ikun jaf min ikun ghamel il-biegh.

Ulterjorment spjega kif fix-xahar ta' Novembru 1999, l-attrici kellha xi tghid mal-konvenuta wara li din kienet weghditha li kienet ser tiddefendi kawza li kient giet prezentata fil-konfront tal-attrici, pero dan m'ghamlitux u ghalhekk hija hassitha traduta u waqfet minn dan ix-xoghol mal-konvenuta. B'dan pero li kien ghad fadlilha hafna transazzjonijiet pendenti u cioe kienet ghada ma thalsitx ta' numru t' *invoices* li kienet ipprezentat dwar diversi biegh li kienet ghamlet u li l-hlas kien qed isir bin-nifs. Qal li jiftakar li qabel ma spiccat martu huwa kien ghamel hafna minn dawn id-*deliveries.*

Spjega li l-konvenuta kienet tahdem b'sistema li meta rapprezentanta ma tibqax tahdem maghha u jidhol rapprezentant iehor fil-fazi final ital-biegh u cioe meta l-klijent ikun hallas l-ahhar pagament dan it-tieni rapprezentant li jiftah il-prodott kien jiehu *commission* ta' 5% u l-bqija johodhom l-ewwel rapprezentant. Qal li martu kienet tithallas bir-rata ta' 20% *commission.* Ikkonferma li martu qatt m' irceviet xi pagament minghand il-konvenuta wara li waqfet tahdem maghha.

Nhar il-hdax ta' Marzu 2004 il-konvenuta **Rita Borg** ipprezentat l-affidavit taghha. Ikkonfermat li hija direttrici tas-socjeta International Sales Direct u li fiz-zmien mertu tal-kawza din id-ditta kienet maghrufa biss bhala International Sales Direct. Spjegat kif l-attrici bidet tahdem

maghha fl-erbatax ta’ April 1999, bhala *freelance sales representative* fuq *commission basis*, u dank if skond jidher mill-kuntratt li esebiet u li markat bhala dokument RB 1.

Spjegat is-sistema li kienet taddotta meta ikollha *sales representative* gdid. Qalet li kienet itihom tahrig b’xejn. Id-ditta taghha taghmel r-reklamar tal-prodotti sabiex theggeg in-nies icemplu lid-ditta u jaghmlu appuntament sabiex jaraw il-prodott, aktar mill-vicin fid-djar taghhom. Ghalhekk meta n-nies icemplu biex ighamlu appuntament hija kienet tibghatilhom rapprezentant taghha sabiex jiehu l-ordni. Il-klijent ighamel il-kuntatt mad-ditta minn rajh u r-rapprezentant jiehu l-*commission* jekk jaffettwa il-biegh. Illi cahdet dak li qalet l-attrici li r-rapprezentanti taghha kienu imorru ihabbtu bieb bieb sabiex ibieghu l-prodotti taghha.

Ikkonfermat dak li qalet l-attrici fis-sens li meta rapprezentant gdid jibda jahdem maghha huwa ikollu jixtri il-prodott li ser jipprova ibiegh u dan biex ikun f’posizjoni li jghamel id-dimostrazzjoni bih, u dan bi prezz ridott, liema hlas l-konvenuta kienet tircevih mensilment wara li jigi ridott mill-*commission* dovut lir-rapprezentant b’mod mensili.

Spjega li fil-bidu tas-sena 1999 innotat li kien hemm xi kumpaniji kompetituri taghhom li bdew jibghatu n-nies taghha sabiex jottjenu t-tahrig taghhom maghha u war li taghtihom it-tahrig dawn kienu jitilqu u jmorru jahdmeu mas-socjetajiet ohra. Ghalhekk sabiex jieqaf dan l-abbuz, iddecidiet li r-rapprezentanti taghha jiffirmaw dikjarazzjoni li biha jobbiga ruhu li ghal perijodu ta sitt xhur wara li jispicca xoghol mal-konvenuta huwa ma setax isib impieg jew jahdem ma kumpanija kompetitrici taghha. Izda f’kaz li taghmel hekk u tmur kintra dan il-ftehim huwa jitlef il-*commission* **kollu** dovut lilu u li jkun pendenti. L-attrici accettat din id-dikjarazzjoni u iffirmatha kif jirrizultha mid-dokument esebit fl-atti u markat bhala dokument RB 2. Wara li ffirmat din id-dikjarazzjoni l-attrici baqghet tahdem ghaliha.

Stqarret li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 1999 waqt dimostrazzjoni gewwa dar privata, l-attrici ghamlet xi hsara fuq sufan ta’ klijenta u l-attrici dehrilha li l-konvenuta kellha taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat pero hija ma qablitx li kellha taghmel hekk u b’hekk inqala dizgwid bejniethom u l-attrici waqfet milli tirrapprezenta l-prodotti taghha f’Dicembru 2001.

Qalet li hija kellha kull intensjoni li thallasha l-c*ommission* li kienet intitolata ghalih fuq il-biegh li kienet ghamlet. Gara pero li fi Frar 2002, ir-ragel ta l-attrici Emanuel Taliana avzha li martu kienet bidet tahdem mas-socjeta Easy life li kienet immexxija minn certu Peter Caruana lli fiz-zmien kien Sales Manager tad-ditta taghha. L-attrici bdiet tahdem mieghu u tbiegh prodotti simili ghal taghha u bidet taghmel l-istess tip ta’ xoghol ghalhekk fi perijodu ta’ anqas minn sitt (6) xhur minn meta waqfet tahdem ghall-konvenuta. Ghalhekk iddecidiet li twaqqfilha l-*commission* li kien dovut lilha ghaliex kienet marret kontra il-ftheim minnha iffirmat dokument RB imsemmi aktar ‘l fuq.

Illi dan nonnostante pero anke jekk ma kienx minnu li bdiet impieg gdid ma kompetitur taghha xorta ma kienitx intitolata ghall-ammonti minnha pretizi fl-avviz u dan ghaliex f’hafna mill-kazijiet li qed tippretendi hlas hija kienet dovuta commission ta 15% u mhux 20% ghaliex fil-verita kellu ikun hemm xi hadd iehor sabiex ikompli x-xoghol lit kun halliet warajha hi. Hija esebiet dokument li gie markat bhala dokument RB 3 li fiha hemm indikat x’kien sar minn kull klijent fejn l-attrici qed tippretendi *commission.*

In kontro ezami nhar il-wiehed w ghoxrin ta’ April 2005 l-konvenuta kkonfermat li kient tahdem taht *trade name* u mhux socjeta limitata fiz-zmien meta l-attrici kienet tahdem ghaliha. Qalet li hija kellha f’idejha l-kuntratt originali li ffirmat l-attrici pero kellha fotokopja tad-dikjarazzjoni li iffirmat, ghaliex l-original ma kienx fil-*file*. Ghalkemm ikkonfermat li dan id-dokument kien fotokopja lejali u li ftakret li l-attrici kienet iffirmat din id-dikjarazzjoni quddiemha. Elaborat u qalet dawk ir-*representatives* li ma iffirmawx din id-dikjarazzjoni ma baqghux jahdmu ghaliha.

Dwar il-prospett esebit a fol. 124 hija qalet li dak kien gie redatt mill-*accountant* taghha Mariella Camilleri. Spjegat li fih hemm xi biegh li ma kienx gie konkluz mill-attrici kif stqarret l-attrici u ghalhekk ma kienitx intitolata ghall-ebda *commission.* Hija spjegat f'aktar dettal ukoll kif kienet tigi mahduma il-*commission tas-sales representatives.*

**Mario Ellul**, prodott mill-konvenuta xehed nhar il-hdax ta' Marzu 2004 u sjega li huwa ukoll kien *sales representative* mal-konvenuta u kkonerma li huwa ukoll li kient intrabat maghha u iffirma d-dikjarazzjoni li jekk jieqaf mix-xoghol maghha huwa ma setax isib impieg simili ghall-perjodu sa sitt xhur wara ma xi kompetitur taghha. Huwa gharaf id-dikjarazzjoni esebita fl-atti u markata bhala dokument RB 2 ghal dik li kien iffirma hu fil-bidu tal-ingagg tieghu. Qal li kienu iltaqghu kollha is-*sales representatives* u iffirmaw id-dikjarazzjoni flimkien pero ma setax jikkonferma jekk l-attrici kienitx maghhom meta iffirmaha hu.

**Denise Debono** prodotta mill-konvenuta xehdet nhar il-hdax ta' Marzu 2004 u qalet li hija tokkupa l-kariga ta' segretarja mal-konvenuta u xogholha kien fost doveri ohra li tiehu hsieb il-*filing*, u kkonfermat li l-impjegat kollha kienu iffirmaw id-dikjarazzjoni dokument RB 2. Ikkonfermat li d-dokument RB 2 huwa fotokopja tal-original u seta sar minnha jew mis-segretarja ta' qabilha. Qalet li ma setghet ssib l-original ta' dan id-dokument. Access ghal dawn il-*files* kellha hi, is-segretarja ta' qabilha u Peter Caruana li illum ghandu d-ditta Easy Life.

**Mariella Camilleri**, prodotta mill-konvenuta xehdet nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 u kkonfermat li l-lista tal-kuntratti li kienu f'isem Carmen Taliana ghamlitha hi stess xahrejn qabel ma xehdet, wara verifiki ma dokumentazzjoni li rat. Stqarret li hi tiehu hsieb l-*office management* tal-konvenuta. Qalet li fil-kompjuter taghha, hija ghandha l-istorja ta' kull klijent u ta' kull kuntratt li jigi registrat.

Nhar id-dsatax ta' Jannar 2005 l-**attrici** regghet xehdet in subizzjoni imsejjha mill-konvenuta. Ikkonfermat li hija

kienet qed tahdem mad-ditta Easy Life u li kienet bdiet dan ix-xoghol ftit xhur wara li spiccat minn mal-konvenuta. Ikkonfermat ukoll li kienet ghamlet biegh ghal din id-ditta fit-tmienja w ghoxrin ta’ Frar 2002 kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 144 tal-atti. Ghalhekk riedet tfisser li fi Frar 2002 kienet diga qed tahdem ma haddiehor.

Nhar id-dsatax ta’ Ottubru 2005, l-attrici esebiet prospett li gie markat bhala dokument X. Spjegat li f’dan il-prospett hemm il-bejgh li hija ghamlet u li l-konvenuta kienet ghadha ma halsithiex taghhom.

Ikkunsidrat:-

Illi l-eccezzjoni tal-konvenuta principalment hija fis-sens li l-attrici mhiex intitolta ghal hlas ta’ *commission* dovut lilha ghaliex marret kontra id-disposizjoni tal-ftehim li hija kellha mal-konvenuta billi sabet impieg ma socjeta kompetitrici tad-ditta konvenuta fi zmien qabel sitt xhur meta kienet intrabtet skond dikjarazjoni esebita fl-atti a fol. 9 dokument ISD 1 li ma tahdimx jew tippromuovi prodotti ta’ socjeta ohra li hija nvoluta fil-bejgh ta’ prodotti li hija in kompetitzzjoni mad-ditta International Sales Direct. L-attrici hija tal-fehma li hija ma kienitx marbuta ma din id-dikjarazzjoni ghaliex in effetti ma kienitx hi li iffirmat tali dikjarazzjoni u *ex admisses* a fol. 133, tghid b’referenza ghall-firma fuq dan id-dokument ISD 1 “naghraf il-firma tieghi fuq dan id-dokument pero niddikjara li dik il-karta qatt ma iffirmajtha.”

Il-Qorti thoss li ghandha l-ewwel tittratta din il-kwistjoni ghaliex jekk jirrizulta li verament l-attrici kienet intrabtet b’dan il-ftehim (Dok. ISD 1) u vermament bdiet impieg ma socjeta li hija in kompetizzjoni mad-ditta konvenuta entro t-terminu ta’ sitt xhur minn meta waqfet tahdem ghal konvenuta allura, din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-quantum tal-ammont dovut peress illi dan huwa wkoll ikkontestat.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**

**<u>deciza nhar it-18 ta’ April 2004</u>** dwar x’tip ta’ prova legali ghandha tressaq parti f’kawza civili. Sostniet li “In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg versjonijiet diametrikament opposti li jkunu plawsiblli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenut in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit et qui dicit non et qui negat* (**Appell Inferjuri Anthony Camilleri vs Maaurice Cauchi et deciz 22 ta’ Novembru 2002**). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, il-grad ta’ prova rikjesta fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi l-prova ta’ htija ghandha tirrizulta minghajr dubbju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabiltajiet (vide **Appell Civili <u>Paul Vassallo vs carmelo Pace (19860 Vol. LXX.ii.144).</u>** Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita civili.”

Dan ir-ragunament gie radikat ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>George Bugeja vs Joseph Meilaq deciza nhar 30 ta’ Ottubru 2003</u>** fejn intqal illi:- “*Fid-dawl ta’ dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti il-kaz jirriduci ruhu f’wiehed ta’ kredibilita u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decisjoni fl-ismijiet* <u>Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia</u> *deciza minn din il-Qorti nhar l-24 ta’ Novembru 2006 li ‘il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wiehed miz-zewg versjonijiet, fid-dawl ta-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dwar il-konsistenza u verosomoljanzi, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderenza tal-provi, ghax dawn f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”*

Fil-kamp civili ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta’ provi, il-kriteji ma humiex dak jekk il-gudikant assolutment jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, imam jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probalitajiet, sostrat baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu dawn flimkien mal-

proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Din ghad-differenza ghal dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija tri tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija senteza "**Carmelo Farrugia vs Rocco Farrugia**" fuq imsemmija "*mhux kwalunkwe tip ta'konflitt ghandu ihalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fiha ma tkunx tista tiddecidi b'kuxjenza kwindi u ghalhekk taqa' r-regola ta' in dubio pro reo.*"

Issa fil-kaz in desamina l-konvenuta qalet li kient prezenti meta l-attrici ffirmat id-dikjarazzjoni a fol. 9 (Dok ISD 1) u li l-haddiema kollha li kellha kienu ffirmaw din id-dikjarazzjoni ghaliex kieku waqfithom mix-xoghol. In oltre l-konvenuta resqet xhieda ohra sabiex jikkoloboraw dak li qalet f'dan ir-rigward. Ix-xhud Mario Ellul *sales representative* kkonferma li s-*sale representatives* kollha iffirmaw dikjarazjoni bhal dik esebita a fol. 9 hu inkluz, u kkonferma li l-haddiema kollha kienu prezenti f'laqgha wahda u kollha ifirmawha. Denise Debono segretarja mal-konvenut akkonfermat li d-Dok. ISD 1 hija fotokopja tal-original maghmula minnha jew mis-segretarja taghha. L-attrici ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova li l-firma fuq id-dikjarazzjoni in kwistjoni ma kienitx taghha u fil-fatt gharfitha bhala taghha pero ma tafx li qatt iffirmatha. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk li t-tesi tal-konvenuta hija attendibbli u hija sorretta mill-provi. Kuntrarjament ghall-versjoni tal-attrici. It-tesi tal-konvenut issib sostenn qawwi u definittiv fix-xhieda prodotta mill-istess konvenuta. Il-Qorti hija tal-fehma li l-istorja tal-attrici mhix kredibbli u lanqas ma hi verosimili. Tidher li hi storja vvintata biex tipprova tehles mill-obbligi taghha li kienet marbuta ghal certu zmien milli ssib certu impieg iehor.

L-attrici qed issostni li ma tiftakarx li hija ffirmat din id-dikjarazzjoni. Kif tajjeb inghad fis-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta' April 2002 fl-ismijiet "**Francis Debono et vs Jason Penza"** " maghdud ma dan hemm fid-dritt ir-regola tradizzjonali illi kontra l-miktub mhumiex ammissibli provi mhux miktuba ' contra

testimonium sciptum, testimonium no scriptun non aufuertur'" (vide ukoll "**Hazan vs Ebejer"** deciza mill-Qorti tal-kummerc nhar it-18 ta' Jannar 1892, "**Jos. Gatt vs Jos. Galea"** deciza mill-Qorti tal-Appelli Civili nhar l-14 ta' April 1975, "**Dolores Mifsud vs Carmelo Rizzo"** deciza mill-Qorti tal-Appelli Civili nhar it-12 ta' Marzu 1984).

Din ir-regola pero ghandha l-eccezzjonijiet taghha:- (Vol.**XXXIV pt III p 855).** Tali eccezzjonijiet jikkonkorru f'dawn il-kazijiet.

1. Meta l-kuntratt jew ftehim ikun vizjat minn frodi jew altrimenti null ghal xi raguni valida fil-ligi (**Vol. XVI pII pg 90, Vol. XXVII p I pg 725).**
2. Meta l-kuntratt jew il-ftehim ikun simulat (**Vol.XXIV pt.II p1203, Vol. XXXII p 1 p 1381.).**
3. Meta s-sinjifikat tl-kotba jkun ambigwu jew il-kitba tkun tikkontjeni partijiet kontradittorji (**Vol. XXVI p 1 p 414, Vol. XXXIII p 1 p 542).**
4. Meta jkun jigi ppruvat xi patt incidentali u accessorju jigifieri sekondarju (**Vol.XXX p I p 635**) u mhux rikonciljabbli mal-iskrittura (**Vol. XXIII p 1 p 870).**
5. Meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kondizzjoni subordinatament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba li minnha tiddependi l-esekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni (**Vol. XLIV p 1 p 267).**

Issa f'dan il-kaz il-Qorti ma tista tirravviza l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet fuq illustrati ghall-ftehim in desamina. Jirrizulta biss mix-xhieda leggera li tat l-attrici li gharfet il-firma taghha pero ma kienitx hi li ghamlitha. Din l-affermazjoni pero l-Qorti ma temminihiex. Sa zmien sekolari jvingi fis-sistema probatorja taghna l-principju "*che non e ammissibile la prova testimoniale contro o in aggiunta al contenuto du un atto scritto*." (vide "**Hasan vs Ebejer"** fuq kwotata)

Illi ghalhekk una volta din il-Qorti qed tqies li din id-dikjarazzjoni torbot lill-partijiet trid issa tesamina l-kontenut taghha. Illi minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-attrici kienet intrabtet li ma ssib l-ebda impieg iehor ghall-perijodu ta' sitt xhur wara li hija tittermina l-impieg taghha mal-

konvenuta u f'kaz li taghmel hekk tkun qed tirrununzja ghal kull dritt ta kommissjoni dovut lilha "*I would be automatically relinquishing all commissions due to me by International Sales Direct.*"

Illi mill-provi prodotti mill-konvenuta, li ma gewx kontestati, jirrizulta li l-attrici waqfet mix-xoghol taghha mal-konvenuta ftit wara l-Milied tas-sena 2001. Dan bhala fatt gie ukoll konfermat mill-attrici. Jirrizulta ukoll kemm mid-dokument esebit a fol. 144 kif ukollmix-xhieda tal-attrici stess tad-dsatax ta'Jannar 2005 (fol. 141) li hija kienet qed tahdem mas-socjeta Easy Life Services Co. Ltd u dan ghaliex fit-tmienja w ghoxrin ta Frar 2002 hija kienet bieghet xi prodotti lil certu Astrid Scicluna. Fuq dan id-dokument hemm il-firma tal-attrici li ma gietx kontestata minnha. Ghalhekk bla dubbju ta' xejn l-attrici kisret l-obbligazzjoni minnha assunta meta ffirmat id-dikjarazzjoni Dok. ISD 1 a fol. 9 nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1999 ghaliex bdiet impieg iehor mas-socjeta kompetitrici mal-konvenuta fi zmien qabel sitt xhur.

Illi d-dikjarazzjoni ffirmata minn l-attrici mhemmx dubbju hija dik maghrufa bhala *pacta sunt servanda* hu torbot lill-istess attrici fl-obbligi minnha assunti lejn il-konvenuta.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tiddikjara li l-attrici naqset mill-obbligi taghha u tilfet id-dritt taghha ghll-hlas ta' *commission* u konsegwentement qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------